

Brussell, 19 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11525/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0217(NLE)

POLCOM 83
SERVICES 11

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 343 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki Professionali stabbilit skont il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, fuq naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni ta' regoli dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali tal-periti

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 343 final.

Mehmuż: COM(2022) 343 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.7.2022
COM(2022) 343 final

2022/0217 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt
dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki Professionali stabbilit skont il-Ftehim
Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, fuq naħa waħda, u l-
Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni ta'
regoli dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali tal-periti**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki Professjonali (il-Kumitat MRA) stabbilit skont il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, fuq naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni dwar ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali tal-periti f'konformità mal-Artikolu 11.3.6 tas-CETA.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. CETA

Is-CETA għandu l-għan li jlliberalizza u jiffaċilita l-kummerċ u l-investment, kif ukoll li jippromwovi relazzjoni ekonomika aktar mill-qrib bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada (il-Partijiet). Is-CETA ġie ffirmat fit-30 ta' Ottubru 2016, u beda jiġi applikat b'mod proviżorju mill-21 ta' Settembru 2017.

2.2. Il-Kumitat MRA

Il-Kumitat MRA huwa stabbilit bħala kumitat speċjalizzat skont l-Artikolu 26.2.1.b tas-CETA u huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-Artikolu 11.3 tas-CETA li jirregola l-ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku (mutual recognition agreement, MRAs). Il-kompiti tiegħu huma, fost l-oħrajn, li jagħmel disponibbli għall-pubbliku informazzjoni dwar in-negozjar u l-implimentazzjoni tal-MRAs, jirrapporta lill-Kumitat Konġunt CETA dwar il-progress tan-negozjati u l-implimentazzjoni tal-MRAs, u jadottahom.

2.3. L-att previst tal-Kumitat MRA

Il-Kumitat MRA għandu jadotta deċiżjoni (l-att previst) dwar MRA dwar il-kwalifiki professjonali tal-periti f'konformità mal-Artikolu 11.3.6 tas-CETA.

L-għan tal-att previst huwa li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri li permezz tagħhom il-ġurisdizzjonijiet tal-Partijiet li jirregolaw l-aċċess għal ta' attivitajiet arkitettoniċi jew it-twettiq tagħhom, billi jirrikjedu kwalifiki professjonali speċifiċi, għandhom jirrikonoxxu l-kwalifiki professjonali li jagħtu aċċess għall-attivitajiet arkitettoniċi professjonali f'ġurisdizzjoni tal-Parti l-oħra.

Skont l-Artikolu 11.3.6 tas-CETA, l-att previst se jsir vinkolanti fuq il-Partijiet wara li l-Kumitat MRA jiġi notifikat minn kull Parti li r-rekwiżiti interni rispettivi tagħhom jkunu ġew issodisfati.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-att previst jinkludi regoli speċifiċi li jirregolaw ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tal-periti u għall-aċċess għal attivitajiet arkitettoniċi professjonali fiż-żewġ Partijiet. Dan jiffaċilita l-forniment ta' servizzi arkitettoniċi skont id-dispożizzjonijiet tas-CETA li jirregolaw l-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali għall-forniment ta' servizzi permezz tal-forniment transfruntier ta' servizzi, investment, u dħul u soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi għal skopijiet ta' negozju.

Ir-rekwiżiti sostanzjali u proċedurali tal-Artikolu 11.3 tas-CETA ġew issodisfati. Fit-22 ta' Mejju 2018, il-Canadian Architectural Licensing Authorities (CALA, issa magħrufa bħala ROAC) u l-Kunsill tal-Periti tal-Ewropa (Architects Council of Europe, ACE) ippreżentaw

Rakkomandazzjoni Konġunta lill-Kumitat MRA. Fil-laqgħa tas-16 ta' April 2019 il-Kumitat MRA qabel li d-dokumenti pprovduti mis-CALA u mill-ACE jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu 11 tas-CETA u jikkostitwixxu rakkomandazzjoni aċċettabbli tal-MRA. Fil-laqgħa tal-24 ta' Novembru 2020 il-Kumitat MRA stabbilixxa l-entitajiet ta' negozjar u stabbilixxa l-passi biex jinnegozja MRA.

Il-pożizzjoni ssuġġerita ma għandhiex impatt fuq il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kwalifiki professjonali. Id-Direttiva 2005/36/KE¹ ma tapplikax għal ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Madankollu, fiha regoli għar-rikonoxximent ta' kwalifiki minn pajjiżi terzi fil-pussess ta' ċittadini tal-UE. Il-premessa 10 tiddikjara li d- "Direttiva ma toħloqx ostakolu għall-possibbiltà li Stati Membri jirrikonoxxu, skont ir-regoli tagħhom, kwalifiki professjonali miksuba barra mit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea minn ċittadini ta' pajjiżi terzi. Kull rikonoxximent għandu jirrispetta f'kull każ kondizzjonijiet minimi ta' taħriġ għal ċerti professjonijiet." L-Artikolu 3(3) tad-Direttiva jistipula li "Prova ta' kwalifiki formali maħruġa minn pajjiż terz għandha tkun ikkunsidrata bħala prova ta' kwalifiki formali jekk it-titolari jkollu tliet snin ta' esperjenza professjonali fil-professjoni konċernata fit-territorju ta' l-Istat Membru li rrikonoxxa dik il-prova ta' kwalifiki formali [...]". Il-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent kif stabbiliti fl-MRA huma aktar stretti mill-kundizzjonijiet minimi ta' taħriġ għall-periti fid-Direttiva.

Għaldaqstant, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt CETA dwar l-att previst sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede inkwistjoni.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kumitat MRA huwa korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri s-CETA. L-att li huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att li għandu effetti ġuridiċi. L-att previst se jkun vinkolanti għall-Partijiet skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 11.3.6 tas-CETA.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed d-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed

¹ Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun identifikabbli bħala ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni. Id-dispożizzjonijiet tas-CETA relatati mar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali għandhom effetti diretti u immedjati fuq il-kummerċ fis-servizzi bejn l-Unjoni u l-Kanada².

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva għad-deċiżjoni proposta hi l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażijiet legali tad-deċiżjoni proposta tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

² L-opinjoni 2/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea tas-16 ta' Mejju 2017, paragrafu 53. It-test rilevanti fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ma' Singapor, li fuqu hija bbażata l-Opinjoni, huwa fuq sustanza identika għall-Artikolu 11.3 tas-CETA.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki Professionali stabbilit skont il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, fuq naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni ta' regoli dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali tal-periti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/37³ tipprovdi l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim”). Il-Ftehim ġie ffirmat fit-30 ta' Ottubru 2016.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38⁴ tipprovdi l-applikazzjoni provviżorja ta' partijiet tal-Ftehim, inkluż l-istabbiliment tal-Kumitat Konġunt dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki Professionali (il-Kumitat MRA). Il-Ftehim ilu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-21 ta' Settembru 2017.
- (3) Fit-22 ta' Mejju 2018, il-Canadian Architectural Licensing Authorities (CALA, issa magħrufa bħala ROAC) u l-Kunsill tal-Periti tal-Ewropa (Architects Council of Europe, ACE) ippreżentaw Rakkomandazzjoni Konġunta lill-Kumitat MRA. Fil-laqgħa tas-16 ta' April 2019, il-Kumitat MRA qabel li r-rekwiżiti tal-Kapitolu 11 tas-CETA ġew issodisfati u d-dokumenti pprovduti mis-CALA u l-ACE jikkostitwixxu Rakkomandazzjoni Konġunta aċċettabbli għal Ftehim dwar Rikonoxximent Reċiproku (MRA), b'mod partikolari fir-rigward tal-valur potenzjali tiegħu u l-kompatibbiltà tar-reġimi ta' liċenzjar jew ta' kwalifika tal-Partijiet.
- (4) Fil-laqgħa tal-24 ta' Novembru 2020 il-Kumitat MRA stabbilixxa l-entitajiet ta' negozjar u stabbilixxa l-passi biex jinneozja MRA. Bejn l-24 ta' Marzu 2021 u l-10 ta' Marzu 2022 saru sensiela ta' disa' ċikli ta' negozjati.
- (5) L-abbozz tal-MRA li ġie nneozjat bejn l-Unjoni u l-Kanada jipprevedi r-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali skont kundizzjonijiet speċifiċi u stretti. Fir-rigward tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali Kanadiżi, l-abbozz

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/37 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, fuq naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 11, 14.1.2017, p. 1).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 11, 14.1.2017, p. 1080).

tal-MRA jeħtieġ (i) mhux anqas minn 12-il sena ta' edukazzjoni, taħriġ u esperjenza professjonali bħala perit, (ii) liċenzja professjonali valida jew reġistrazzjoni bħala perit minn awtorita kompetenti fil-Kanada u (iii) reputazzjoni tajba. Ir-rekwiżit li tinkiseb liċenzja professjonali valida jew reġistrazzjoni bħala perit jimplika l-konklużjoni ta' studji f'konformita mal-Canadian Education Standard u s-sistema ta' akkreditazzjoni tal-Canadian Architects Certification Board (CACB). Il-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet li jirregolaw il-kisba ta' reġistrazzjoni jew liċenzja kienet il-bażi għall-konklużjoni tar-Rakkomandazzjoni Konġunta dwar l-acsettazzjoni tar-rikonoxximent tal-istandards tal-edukazzjoni u t-taħriġ prattiku tal-periti fil-Kanada.

- (6) Il-Kumitat MRA għandu jadotta deċiżjoni dwar MRA.
- (7) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat MRA, peress li s-MRA se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (8) L-MRA jistabilixxi regoli spefici li jirregolaw ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tal-periti u l-aċċess għal attivitajiet arkitettoniċi professjonali fiż-żewġ Partijiet u għaldaqstant jiffaċilita l-kummerċ fis-servizzi arkitettoniċi,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat MRA fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar ftehim ta' rikonoxximent reċiproku dwar il-kwalifiki professjonali tal-periti għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tal-att tal-Kumitat MRA mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*